# Il-Presepju

Ħarġa Nru. 92
April - Ġunju 2017



Fuljett maħruġ mill-

GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - MALTA
c/o 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

Fuljett
maħrug kull tliet xhur mill-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza
għandha tiġi ndirizzata lis-
Segretarju,
Charles A. Bellia
56, Amaltea, Triq il-Marġ,
Attard ATD2382. Malta*

*IL-PRESEPJU
Jitqassam lill-Membri
tal-Għaqda u għalhekk biex tir-
ċevih ħallas il-miżata
tiegħek regolarment billi
tibgħat €5 lill-Kaxxier.
Kontribuzzjonijiet oħra
biex jinfdew l-ispejjeż
ikunu ferm apprezzati.*

*L-GĦAQDA
ĦBIEB TAL-PRESEPJU
Malta tirringrazzja lil kull min
kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.*

Apprezzament speċjali
jmur għas-
Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb il-'proof reading'.

# Werrej

Editorjal
..........................................................................3
Il-Kelma tal-President
..........................................................................4
Xi jfissru l-Qniepen fil-Milied
..........................................................................5
Milied jew Karnival?
..........................................................................6
Ser jkollna niċċaqalqu!
..........................................................................8
Kif nagħmel ftit aċċessorji għall-presepju
........................................................................11
Tagħrif fuq Knisja tan-Nativita' ta' Betlem
........................................................................12
Kif tagħmluh il-Presepju?
........................................................................14
Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta
........................................................................15



*Il-Palk kif ġie armat fl-aħħar wirja
f'Diċembru 2016, fis-Sala San Franġisk,
il-Belt Valletta mill-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta*

**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est.1924
36, St. Paul Street, Valletta
Tel: 21224607 - 21228138
E-mail: emibonnici@gmail.com

# L-Editorjal

Donnu li kull fejn hemm għaqda tal-presepji madwar id-dinja, l-gwaj jiġri warajha. Konna Ruma ftit taż-żmien ilu u konna ltqajna mas-sur Carmelo Formosa li kien is-segretarju tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju ta' Ruma u dan kien qalina li l-post fejn għandhom il-presepji kienu jriduh lura l-patrijiet. Ħeqq jekk sarx hekk jew le ma nafx għax issa għadda ż-żmien. Din is-sitwazzjoni ġiet fuqna tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta, hekk ħabta u sabta bi skuża li l-patrijiet għandhom bżonn jirranġaw u jużaw il-post għall- bżonnijiet tagħhom. Li jirranġawh naqbel magħhom mija fil mija, imma li nsibu ruħna barra mill-lokal, hija ħasra kbira u telfa għal dak ix-xogħol kbir li sar minn mindu ilha mwaqqfa l-għaqda... 30 sena propju s-sena l-oħra. Nerġa ngħid ħasra għax il-presepji li tant kienu jiġu jarawhom eluf ta' nies issa ser tkun diffiċli li nkunu f'post ċentrali bħal ma kienet is-Sala San Franġisk.

Wieħed irid jiftakar li tul dawn it-tletin sena li l-Għaqda ġiet imwaqqfa, kull kumitat ħabrek biex l-għaqda jkollha post tagħha jkun fejn ikun. Dan waqa' dejjem fuq widnejn torox kemm minn dawk ekklesjastiċi, gvernijiet ċentrali u kif ukoll mill-kunsil ċiviku tal-Belt. Dejjem nippriedkaw li dawn l-għaqdiet għandhom jiġu mgħejuna, iżda **bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti.** Ħasra għax tant hemm kunventi bi kmamar vojta ġewwa l-Belt Valletta li spazju għall-għaqdiet bħal tagħna ma hemmx. Nistħajjilna li qegħdin fil-mument meta Ġużeppi u Marija fittxew kenn u ħadd ma kellu biċċa kamra għalihom. Aħna f'dan l-istadju qegħdin bħal issa. Dnub għax dak li tant ħadem għalih San Franġisk spiċċa biex is-segwaċi tiegħu għamlu bħal nies ta' Betlem fi żmien tat-twelid tal- Bambin.

Meta wieħed iħares lura fis-snin, wieħed jgħid li f'dawn it-tletin sena li ilna ntellgħu l-wirja tal-Presepji fis-sala San Franġisk ġew murija 'l fuq minn elfejn wieħed. Il-presepju kien reġa' ħa l-ħajja, kien reġa' rxoxta u reġa' daħal fid-djar u fis-soċjeta Maltija. Tfal u kbar reġgħu xegħlu l-fjamma tal-presepju permezz tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju. **San Franġisk idħol int għalina f'dan il-mument biex nibqgħu mixjin fil-mixja għat-tagħrif tal-presepju.**

**Frans Chircop**

# *Il-Kelma tal-President*



Ħbieb,
Illum ser ikolli nibda l-kelmtejn tiegħi b'aħbar ma tantx hi tajba. Dan għaliex f'dawn l-aħħar jiem kellna laqgħa mad-diriġenti tal-kommunita Franġiskana fejn għarrfuna li ser jibda x-xogħol fuq tisħieħ strutturali fis-sotteran fejn konna nagħmlu użu minnu l-Għaqda tagħna.

Dan ifisser li kellna niżgumbraw il-post mill-iktar fis possibli biex ikun jista' jinbeda x-xogħol. Konna qed nistennew li wara li jitlesta x-xogħol inkunu nistgħu nirritornaw u nkomplu fejn ħallejna. Dan ma kellux ikun għaliex ġejna nfurmati li wara li jitlesta, dan il-post, ser jibda jintuża mill-kommunita tal-Patrijiet Franġiskani.

Kif tistgħu timmaġinaw dan kien xokk kbir għalina għax wara tletin sena ta' ħidma kontinwa fil-qasam tat-tixrid tal-presepju f'Malta kellna nispiċċaw fit-triq infittxu fejn imqar inżommu l-armar tagħna. Issa iktar minn qatt qabel ikollna naħdmu bla waqfien biex insibu post alternattiv għal ħtiġijiet tagħna. S'issa l-Bambin ipprovdielna benefattur li offrielna post fejn impoġġu l-affarijiet tal-Għaqda temporanjament sakemm insibu post ieħor. Nistennew li kulħadd jgħati sehemu biex possibilment insolvu din il-problema malajr u b'mod permanenti. Il-kunsill ilu għaddej b'dan il-ħsieb. Issa wasal iż-żmien li KULĦADD jaqdef bis-serjeta biex naslu!

Diġa irċevejtu l-Avviz għall- Laqgħa Ġenerali Straordinarja li matulha niddiskutu l-pass li jmiss u x'jista' jsir fil-futur qrib. Inħeġġiġkom tattendu għal din il-Laqgħa u toffru suġġerimenti u idejat biex l-għan tagħna nilħquh.

Fl-aħħarnett, nagħmel appell lill-membri tagħna biex min ikun jaf jew għandu xi garaxx ta' qies ta żewġ karrozzi għall-kiri jinforma lis-segretarju s-Sur Charles Bellia. Grazzi bil-quddiem u nselli għalikom.

Andrew

# *Xi jfissru l-Qniepen fil-Milied*

Il-qniepen huma simbolu ieħor komuni għall-żmien il-Milied. Il-qniepen dejjem kienu assoċjati ma' żmien ta' festa. L-iskop tal-qanpiena hu li twassal messaġġ 'l bogħod. Nistħajjel lil dawk il-qniepen li ndendlu mas-siġar idoqqu bil-ferħ għat-twelid ta' Ġesu', sabiex iwasslu din l-aħbar mal-erbat irjieħ tal-pajjiż.



*Tgħidli issa jien kif nista' nagħmilha ta' qanpiena? Żgur minhix se mmur nagħmel xi priedka waqt il-quddiesa tal-Milied! Għandek raġun, iżda qatt ħsibt li għemil jista' jwassal messaġġ qawwi daqs dak ta' qanpiena? Min jaf kieku tagħmel ġabra fuq ix-xogħol jew fil-familja għal xi missjoni? Jew iċċempel lil xi membru tal-familja li ilek ma tkellmu s-snin? Jew tkellem lil dik li fuq ix-xogħol/l-iskola kulħadd iwarrabha u jidħak biha? Aħseb ftit kif fil-ħajja tiegħek int tista' turi li int ferħan bit-twelid ta' Kristu!*


# www.presepjumalta.org

Dan hu l-indirizz tal-website tagħna!
Idħol fih biex taqra dwar l-istorja tal-Għaqda, l-presepju, kif taħdem il-presepju u xi aċċessorji.

Żur l-albums tar-ritratti u ġedded il-memorja tal-wirjiet annwali.



**Għaddi l-indirizz lill-ħbieb u qraba, speċjalment dawk imsefrin...ibqa żgur li japprezzaw.**

# *Milied jew Karnival?*

Fil-bidu ta' Diċembru, diġa nibdew inħossu madwarna atmosfera li tkellimna fuq il-Milied.

Mil-lat folkloristiku, fid-djar u fit-twieqi jibdew jintramaw il-presepju u s-siġra tal-Milied: nibdew nirċievu u nibagħtu l-"Christmas cards"; id-djar u t-toroq jintramaw bi dwal sbieħ u mhux tas-soltu; minn fuq il-mezzi tax-xandir nibdew nisimgħu l-"Christmas Carols" li jferrħuna u jdaħħluna aktar fl-ispirtu tal-Milied. Mil-lat kummerċjali, dawn il-ġranet iġibu magħhom xiri u bejgħ ta' affarijiet li bihom irridu nżejnu djarna: ta' rigali li rridu nagħtu lill-qraba u ħbieb; ta' oġġetti ta' ikel għall-pranzu "famuż" tal-Milied u għall-parties.

Mil-lat soċjali, l-festi tal-Milied ifissru okkażjoni għal ħafna pranzijiet u "parties" bejn familji u ħbieb.

Imma dan kollu jista' jkun biss maskra, li qed tgħatti qalb mimlija mibegħda, rabja, vendetta, firda... u allura l-Milied ikun aktar Karnival milli tabilħaqq ċelebrazzjoni ta' festa' għax twieled il-Feddej tagħna.

Jekk noqogħdu naħsbu ftit bis-serjeta' u bis-sinċerita', naraw li l-Milied sar aktar festa pagana milli kristjana u jistħoqqlu aktar jissejjaħ "Karnival" milli "Milied". Forsi qed nesaġera? Forsi jien pesssimista? Imma tista' tgħid li qed tiċċelebra l-Milied.......

- Meta inti trid tawgura l-"Happy Christmas", imma mhux lil min ma jaqbilx miegħek, ngħidu aħna, fil-lewn politiku?

- Meta qed tisma' l-messaġġ tal-Milied "Paċi lill-bnedmin ta' rieda tajba", u fl-istess ħin qed tnassas kontra sħabek?

- Meta qed tiċċelebra t-twelid ta' Ġesu fil-faqar tal-Għar ta' Betlem, u int mhux ħlief tippjana kif se tgeddes flus, flus, u aktar flus?

Jeżistu dawn il-fatti? Kemm tista' tgħid li Milied bħal dan hu "Milied nisrani?" Ejjew niċċelebraw il-Milied bħala Milied, mhux bħala Karnival. Inneħħu l-maskri. Ma nagħmlux bħal dawk li, fil-Milied, iridu jiltaqgħu biss mas-Slaten Maġi u jistħu jew jitqażżu jidħlu fil-għar biex jaraw it-tarbija li twieldet. Irridu niltaqgħu mat-tarbija Ġesu', tarbija fraġli. Hu jridna mmissuh f'dawk li qed

itertru bil-bard tal-faqar u l-miżerji. Iridna nisimgħu l-karba tiegħu: l-karba tal-vittmi ta' mard, inġustizzji, jew disgrazzji. Iridna nħarsu lejn għajnejh iġelbnu d-dmugħ, id-dmugħ tar-romol, tal-orfni, tal-morda, tal-batutu. Ifraħ, imma tifraħx waħdek. Biex il-Milied ikun Milied ta' paċi uri li int bniedem ta' rieda tajba.



# *Il-Miżata*

Ħbieb, ġejna fi żmien meta kontra qalbna kellna niżgumbraw is-Sala San Franġisk u nibdew infittxu fejn ser indabbru rasna. L-ewwel bżonn urġenti huwa garaxx fejn nistgħu nerfgħu l-armar tal-wirja u possibilment nagħmlu xi xogħol żgħir ta' manutenzjoni li jinqala' minn żmien għal żmien. Huwa għalhekk li qed inħeġġu lil dawk li għadhom lura fil-ħlas tal-miżata biex jaġġornaw ruħhom kemm jista' jkun malajr. Illum il-Miżata mhix biss bżonnjuża biex nifdu l-ispejjeż tal-fuljett...illum tista' tfisser ħajja jew mewt għall-Għaqda tagħna. Illum mhux żmien tal-paroli imma ż-żmien li nagħmlu dmirna lejn l-Għaqda li suppost tant inħobbu.

l-eħfef ħaġa għall-Kunsill tkun li ngħollu l-miżata, imma dan m'aħniex lesti nagħmluh. Bin-numru ta' membri li jirċievu l-fuljett regolari għandu jkollna fondi biżżejjed biex nilqgħu l-isfida li għandna quddiemna. Għalhekk inħeġġukom li tagħtu sehemkom u jekk intom lura fil-miżata, tibagħtu dak li hu dovut minnkom.

F'każ ta' diffikulta ikkuntattjaw lis-Segretarju fuq 9940 6645 jew eMail: charbel@onvol.net.

# SER JKOLLNA NIĊĊAQALQU!

***Charles A. Bellia -Segretarju/PRO***

Wara kwazi tletin sena l-wirja ta' presepji mtella' mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta ser ikollha titlaq mis-Sala San Franġisk. Konna nafu li xi darba jew oħra ser ikun meħtieġ li l-post li kien sar sinonimu mal-Għaqda tagħna, għaliex fih wellidna mill-ġdid u kabbarna t-tradizzjoni u l-imħabba għall-presepju, ser ikollu jingħalaq għal xi żmien biex isirulu tiswijiet strutturali. Kien ilna ngħidu u niġbdu l-attenzjoni li l-konsenturi u xpakkaturi oħra li kienu evidenti fil-bini kienu koroħ u kellhom bżonn attenzjoni. Għalhekk ilqajna b›ċertu ottimizmu l-aħbar li kien ser jibda x-xogħol biex il-ħsara, li kien hemm fis-Sala San Franġisk, fejn sena wara l-oħra lqajna l-membri tagħna u l-pubbliku Malti u barrani biex flimkien ngħollu l-għożża lejn il-presepju, tissewwa.



Minkejja d-diffikultajiet li konna niltaqgħu magħhom tista' tgħid f'kull attivita li konna noħolqu, dejjem wasalna biex l-għanijiet tagħna nilħquhom. Attivita wara l-oħra saru u ħallew il-frott. Bil-mod il-mod, u grazzi għal dawn l-attivitajiet, is-Sala San Franġisk fi Triq Melita, Valletta saret punt ta' riferiment għal kull min xtaq jitgħallem kif jagħmel presepju, jew jesibixxi x-xogħol tiegħu. Dawn kienu għexieren ta' nies li mhux biss iħobbu t-tradizzjoni, imma wkoll għandhom f'qalbhom l-ispirtu veru tal-Milied. Is-Sala San Franġisk kienet toffrilhom il-mezzi u l-ambjent li jgħinuhom ikabbru l-imħabba li huma kellhom għall-presepju.

Waqt intervista li kelli fuq stazzjon televiżiv, bi preparazzjoni għal-wirja tas-sena l-oħra, ġurnalist staqsieni, xi kemm il-presepju inbena u intwera f'din is-sala. Ftit kalkolu u għidtlu li matul il-korsijiet li jsiru kull sena ġew mibnija

*ikompli paġna 9*

medja ta’ ħamsa u tlein presepju kull sena fil-waqt li fil-wirjiet li l-Għaqda għamlet matul is-snin kienu esibiti aktar minn 2500 presepju. Sena wara l-oħra meta b’ċerimonja sempliċi konna ninawguraw il-wirja tagħna, il-messaġġ qabel it-tberik tal-presepji dejjem kien wieħed ta’ sodisfazzjon għax-xogħol imwettaq mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta u nkoraġġiment biex dan ix-xogħol jitkattar u jagħti iżjed frott.

Il-Kewba fuq is-Sala San Franġisk, li għal tletin sena sħaħ inżammet tiddi biex ressqet tant nies lejn il-Grotta ta’ Betlem, issa ser tintefa. L-ottimiżmu li ħassejna meta ingħatajna l-aħbar li ser jibdew it-tiswijiet meħtieġa, ma tantx dam jinħass. Fi ftit minuti biss dan inbidel f’dieqa assoluta meta fl-istess nifs ġejna infurmati li l-post ser ikun irranġat, mhux biss biex jitneħħa xi periklu li kien hemm, imma wkoll biex jintuża għall-bżonnijiet tal-Kummunità Franġiskana fil-Belt Valletta. Ġejna wkoll imħeġġa biex insibu post alternattiv minn fejn immexxu l-għanijiet “nobbli” tagħna, għaliex mhux ser ikun possibbli li l-attivitajiet imtella’ mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta jirritornaw fis-Sala San Franġisk. Għalhekk ġejna mitluba biex fi żmien qasir inneħħu l-armar tagħna mis-sala billi l-bidu tax-xogħol kien imminenti.

Ma tantx kellna għażla. Dak li ssejjaħ il-bżonn tal-Kommunità rebaħ fuq il-presepju, u għalhekk kellna naraw kif u fejn ser inġorru l-vetrini u armar ieħor li bnejna matul is-snin biex dejjem insebbħu l-wirja tagħna. B’moral baxx, imma b’determinazzjoni li nkomplu l-missjoni tagħna lejn Milied madwar il-presepju, fittixna l-għajnuna u sibna persuna li silfitna l-garaxx tagħha biex fih inpoġġu l-armar tagħna. Ħdimna bla heda biex inġorru kollox fiż-żmien mitlub. Irnexxielna nsolvu parti mill-problema li nħolqitilna. Kien fadal il-problemi marbuta mal-attivitajiet tagħna fosthom il-Wirja Annwali.



Kellna diversi suġġerimenti, li ġew imwarrba minħabba diversi diffikultajiet, fosthom l-aċċess kemm għalina kif ukoll għall-pubbliku. Qed nikkunsidraw alternattivi oħra u nittamaw li b’rieda

tajba naslu għax nemmnu li l-Bambin ser jgħina nsibulu post fejn jiċċelebra t-Twelid tiegħu. Ovvjament meta nsibu post għall-wirja ma nkunux solvejna l-problema kollha. Ikun jonqos l-aqwa ħaġa - li nħajjru u nikkonvinċu lill-pubbliku Malti u turisti jiġu jżuruna! M'hemmx għalfejn ngħidu, l-ewwel sejħa tagħna ser tkun lilkom il-membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta. Inħeġġukom biex mhux biss tiġu intom bi ħġarkom, imma wkoll li tgħinuna nagħmlu kampanja ta' pubbliċita qawwija biex in-nies isiru jafu fejn qegħdin u jiġu jaraw il-wirja huma wkoll.

Kuraġġ ħbieb, il-mixja tagħna biex inżommu l-presepju fiċ-ċentru tal-Milied Malti ma tistax tieqaf. Nimxu flimkien u naslu. Nittamaw li ma ndumux ma nħabbru fejn ser issir il-Wirja ta' Presepji 2017.

---

# *Nostalġija*



*Kif kienet tintrama' is-Sala San Frangisk waqt il-wirja annwali ta' L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju MALTA.*



*Preżentazzjoni lid-Dar tal-Providenza*

## *Kun parti mill-fuljett...*



Ikkontribwixxi billi tibgħat xi kitbiet, novelli qosra, poeżiji, eċċ biex jiġu ppubblikati fuq "il-Presepju". Għandek xi idejat kif tagħmel aċċessorji? Trid tikkummenta dwar l-Għaqda? Tiddejjaqx, iktbilna. Sa fejn ikun possibbli nilqgħu is-suġġeriment tiegħek.

***Nota żgħira....***kitbiet li jistgħu joħolqu polemiki ma jkunux pubblikati.

# Kif nagħmel ftit aċċessorji għall-presepju

**Il-pjanti**
Fil-ħwienet fejn ibiegħu oġġetti għall-presepju tista' ssib ħafna varjetajiet ta' pjanti artifiċjali. Xi wħud jistgħu jsiru fid-dar bi ftit ta' immaġinazzjoni u l-paċenzja. Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li jkun hemm bżonn ħafna tentattivi biex jinkiseb l-effett mixtieq.

Ħalli wieħed jaħseb x'irid jagħmel. Jekk trid tfassal xi siġra taċ-ċipress, arżnu, siġar tal-frott, siġar żgħar ta' daqs li jitqiegħdu fl-isfond, għandek bżonn biċċa wire tad-dawl...m'hemmx għalfejn tqaxxru. Ipprepara l-weraq ta' qies skond il-pjanta li fassalt li tagħmel, iksieh bil-karti tas-siment jew tal-ġwież, dawru bit- tape tal-karti (musking tape). Ġieli għas-siġar użajt sponża ftaħtha kemm stajt u sfumajtha differenti. Il-kuluri dejjem irrikorru għall-kannella mħallta fl-ilma, jew żebgħa taż-żejt. tempra jew watercolor. Maz-zokk tas-siġra nħobb nagħmel ftit ġibs verġni boċoċ boċoċ żgħar.

**Il-Palm**
Biex tagħmel il-palm li tant jidħol fil-presepju, għandek bżonn 24 werqa f'erba' qisien. Sitta ta' 15.5 ċm, Sitta ta' 11.5ċm, sitta ta' 10ċm u sitta ta' 8ċm. Dawn il-qisien huma addattati għal pasturi tal-qies 10cm. Il-wisgħa tal weraq għandhom ikunu xi 3ċm. Inħobb nagħmel masking tape ta' 3ċm, nfassal l-ewwel sitt weraq ta' 31ċm, nagħmel biċċa fildiferru rqiqa fin-nofs li tibda minn nofs tal-31 ċm, nħallilha naqra mill- fildiferru barra fit-tarf biex inkun nista' nwaħħal il-werqa maz-zokk u qabel nitwi l-masking tape npoġġi għatu tal- jogurt biex il-werqa tiġi soda. Infassal il-werqa, niżbogħha u naqta' t-truf bi mqass tajjeb u naqta' waħda fejn waħda. Hekk nagħmel l-istess għal weraq ta' 11.5 ċm u ta' 10 ċm. Iz-zokk jista' jkun injama, fildiferru etċ. Nara li għandi ħxuna biżżejjed taz-zokk u niksi b'naqra kanvas kannella.

## Għandek eMail?

Jekk trid infakkruk fl-attivitajiet li jkollna minn żmien għal żmien ibgħatilna l-indirizz tal-eMail tiegħek.



Tagħna huwa: **charbel@onvol.net**

# *Tagħrif fuq Knisja tan-Nativita' ta' Betlem*

**Minn Frans Chircop**

Jekk inti toqgħod fit-tarf tal-lvant tal- Pjazza Maxtura, Betlem, inti ser tkun wieqaf fit-tarf tal-lvant ta' Betlem antika "Fl-angolu tal-lvant estrema tal-belt," jgħid Arculf, li żar il-belt fis-sena 680, "huwa tip ta' nofs għar li fuqhom hija mibnija l-istruttura kbir tal-Knisja tal-Imqaddsa Marija." Meta wieħed iħares lejn il-ħitan massivi tal-kunvent Armenjan, minn fuq in-naħa tal-lemin tal-bankina li twassal għall-entratura tal-knisja, wieħed jieħu idea ta' dik l-istruttura massiva kif kienu fiż-żminijiet antiki.

Il-knisja tidħol għaliha permezz ta' bieb dejjaq u baxx. Matul iż-żmien ta' Justinianu (527-565), d-daħla kellha tlitt bibien kbar li xorta għadhom jidhru allavolja issa dawn ġew imbarrati minħabba li l- Musulman kienu bdew jagħmlu ħerba mill-post fis-sitt seklu. Is-sigurta' tal-Kristjani li kienu jgħixu fl-artijiet Għarab iddeterjorat ħafna. Għalhekk l-entratura li kien hemm fl-antik kienu ġew magħluqa u saru bibien ġodda. Hekk kif tidħol mill-bieb, il-viżitatur jiġi f'nava tal-knisja. Din kienet ġiet miżjuda fis-sitt seklu ma' dik li kien bena l-Imperatur Kostantinu fis-seklu 4. Il-ħajt li jagħti għal-Lvant kien li ħajt ta' barra tal-Imperatur Konstantinu tas-seklu 4. Fuq dan il-ħajt hemm mużajk li juri t-twelid tal-Bambin mat-tlett Slaten Maġi li kienu ġew mil-lvant tal-Persja. Kienet din ix-xena li raw is-suldati meta l-armati Persjani kienu għamlu ħerba mill-pajjiż fis-sena 614. Hekk kif daħlu fil-knisja u raw il-mużajk dawn ħasbu li kienet tal-persjani u telqu 'l barra mingħajr ma għamlu xejn. Aktar 'il quddiem fil-knisja kienu għamlu l-bieb baxx li tkellimt fuqu aktar 'il fuq.



Hemm bieb li meta' tgħaddi minnu tiġi fis-sala tal-knisja. Il-ħitan kienu ġew impittra bil-mużajk mill-artisti Justiniani. Meta ġew il- Kavallieri dawn żiedu aktar ma' dawn il-ħitan. Fi żminijiet tallum għad hemm minnhom li jeżistu. Biex tarhom sew wieħed irid joqgħod naqra 'l bogħod mill-ħitan.

Tajjeb li nduru dawra ma' l-aktar affarijiet importanti li hemm f'din il-knisja.

**Il-mużajk**

Il-mużajk huma rranġati fil-ħames saffi orizzontali. L-ewwel faxxa, eżatt fuq il-kolonni, tal-naħa ta' nofsinhar, hemm linja ta' figuri żgħar li jippreżentaw l arblu tar-razza ta' Ġesu' skont il-vanġelu ta' San Mattew u fuq in-naħa tat-tramuntana skond il-vanġelu ta' San Luqa. Fil-faxxa ta' fuq din linja u li tiġi tmiss mal-ħoġor tat-twieqi hemm sensiela ta' bliet bl-ismijiet fin-nofs tagħhom.

Kull Belt tirrappreżenta wieħed mill-Kunsilli tal-Knisja: fuq il-ħajt tan-nofsinhar hemm is-seba' Kunsilli Ġenerali u fuq il-ħajt tat-Tramuntana hemm is-sitt Kunsilli Provinċjali. Fuq il-Kunsilli hemm strixxa ta' dekorazzjoni bil-weraq. L-ispazji bejn it-twieqi kienu mimlija bil-figuri wieħed ta' anġli u fuq dik filliera hemm dekorazzjoni oħra illum frak biss fadal minnhom.

**Il-kolonni**

l-kolonni fl-Awla prinċipali kienu miżbugħa, probabbilment fil-perjodu tal-Kruċjati, fejn jidhru figuri skolpiti ta' diversi Qaddisin. L-ismijiet tal-Qaddisin fuq il-koloni huma miktuba bil-Grieg u bil-Latin. Il-partijiet t'isfel ta' ħafna mil-kolonni hemm graffiti ta' viżitaturi li żaru l-Knisja matul iż-żminijiet. Dawk miktuba bl-Għarbi huma reċenti, dawk bil-Gothic imorru lura għas-seklu 14 u l-15. Ħafna minn dawn huma ismijiet Ġermaniżi. Mar-4 u l-5 kolonni mil-Lvant fil-parti t'isfel tal-Knisja hemm żewġ pitturi interessanti. Dawn juru Saint Canute, Re tal-Danimarka, li sar Re tal-Ingilterra fl-1017 u St. Olaf ir-re leġendarju tan-Norveġja li ħa it-tron fl-1016 (il-pitturi kienu magħmulin madwar seklu wara li dawn saru rejiet).



# *Kif tagħmluh il-Presepju?*



Matul il-ġranet tal-Wirja li jkollna kull sena, sikwit jiġi xi ħadd u wara li jkun dar u ra l-presepji esibiti jieqaf jitkellem ma' xi membru tal-Kunsill li jkunu fis-Sala dak il-ħin. Ġeneralment id-diskors idur fuq il-mod, jew teknika li bih isir il-presepju. Jibdew il-mistoqsijiet dwar kolla, karti, polistiren (ġablo), żebgħa, kuluri u informazzjoni oħra simili. Min ikun qiegħed jirrispondi malajr jifhem li dak il-ħabib probabbli li qatt ma għamel presepju u qed jitħajjar jibda dan id-delizzju sabiħ. Għalhekk jaqleb il-folja u jagħmel mistoqsija hu: "Titħajjar titgħallem kif tagħmlu l-presepju? Għax ma tiġix il-kors li nagħmlu fis-sajf? Anzi, nissuġġerilek tidħol membru magħna biex tirċievi d-dettalji kollha meta jasal il-waqt."

Diskursati bħal dawn jinkuraġġuna biex inkomplu l-missjoni tagħna li nwasslu l-presepju dejjem aktar fi djar il-Maltin. Għalhekk, sena wara l-oħra, bħal dan iż-żmien tas-sena nagħmlu sejħa permezz tal-fuljett tagħna biex min irid, japplika u jingħaqad ma' ħbieb oħra li bħalu jiġu jitgħallmu jaħdmu presepju. Din is-sena wkoll ser noffru dan il-kors. F'paġna oħra ta' dan il-fuljett issibu l-applikazzjoni u xi regoli żgħar li jgħinuna nkunu dixxiplinati anke magħna nfusna.

Jekk għandkom xi ħbieb li jixtiequ jattendu, tuhom kopja u għidulhom jibgħatuha malajr kemm jista' jkun. Aħna mbagħad ninfurmawhom dwar meta, x'ħin u fejn ser jibda l-kors għas-sena kurrenti. Din is-sena jista' jkun li jkollna nillimitaw xi ftit il-postijiet...imma ejja ma naqtgħux qalbna.

Kelma ta' l-aħħar... kull sena ngħidu li l-presepji li jsiru waqt il-kors jistgħu jieħdu sehem fil-wirja annwali! Din is-sena ser ninsistu li dan isir!

Ir-raġuni hija sempliċi; l-pubbliku jrid jara mhux biss xogħol il-veterani, imma jrid japprezza wkoll ix-xogħol ta' min ħadem il-presepju għall-ewwel darba. Hemm proverbju li jgħid li "l-Ikbar skultura bdiet bl-ewwel daqqa tal-iskalpell." Għalhekk taqtax qalbek! Ejja ħa nagħmlu presepju!

# *Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta*

***KORS: NAĦDMU PRESEPJU FLIMKIEN:-*** ***<u>Applikazzjoni - 2017</u>***

Isem: …………………….....…......…....... I.D. No: ………...........….…

Tel/Mob: .................................. eMail: .......................................................

Indirizz ………………….........…........………………...........…………

……....……..................………........... P/Code…………………

Liema kors tippreferi? KARTAPESTA ◯ JABLO ◯

Attendejt xi kors ieħor qabel? IVA ◯ LE ◯

Qatt ħdimt xi presepju? IVA ◯ LE ◯

Firma tal-applikant ……….......……......…… **Data** ….......…................

Firma tal-Ġenitur jekk l-Applikant hu taħt 14 il-sena ………………………………

**<u>Noti importanti għal min jixtieq jattendi l-kors.</u>**

1. **L-Applikazzjonijiet jridu jintbagħtu lis-Segretarju, 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 sa nhar is-Sibt 27 ta' Mejju, 2017.**
2. Il-lezzjonijiet isiru kull nhar ta' Erbgħa mill-5.30 p.m. sas-7.15p.m.
3. L-Għaqda ser tipprovdi l-materjal meħtieġ biex jinbena l-presepju, iżda kull parteċipant irid jipprovdi l-għodda tiegħu, e.ż.: sikkina, pniezel u masking tape/toothpicks. Aktar dettalji jingħataw waqt l-ewwel lezzjoni.
4. Jintalab ħlas ta' €10 mingħand membri li jkunu regolari fil-ħlas tal-miżata u €20 mingħand membri oħra u persuni li m'humiex membri. Dan il-ħlas isir waqt l-ewwel lezzjoni li titħabbar iktar tard.
5. Il- Kunsill Amministrattiv tal-Għaqda jkollu d-dritt li jitlob li kull presepju mibni waqt il-kors jipparteċipa fil-Wirja Annwali li ssir f'Diċembru 2017.
6. F'każ li n-numru tal-parteċipanti jaqbeż dak mixtieq, tingħata preferenza lill-persuni li qatt ma attendew xi kors tal-Għaqda qabel.
7. Il-kors huwa miftuħ għal membri u ħbieb minn 10 snin il-fuq.
8. Persuni li ma jkunux qed jipparteċipaw fil-kors ma jitħallewx jidħlu fis-sala waqt il-lezzjonijiet.

## Uħud mill-presepji tal-aħħar wirja mtella'
## mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta,
## fis-sala San Franġisk il-Belt Valletta, Diċembru 2016






